

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 74/2012

tat-30 ta' April 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 35/2012 tat-30 ta' Marzu 2012 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ⁽²⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/214/UE tal-1 ta' April 2011 li temenda l-Annessi tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ⁽³⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/277/UE tal-10 ta' Mejju 2011 li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tar-rikonoxximent ta' ċerti reġjuni fl-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*) u temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ċerti reġjuni tal-Italja, il-Polonja u r-Renju Unit huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi bovina, il-bruċellożi bovina u l-lewkożi enżootika bovina ⁽⁴⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/674/UE tat-12 ta' Ottubru 2011 li temenda

d-Deċiżjoni 2004/558/KE fir-rigward tal-istatus ħieles mir-rhinotracheitis bovina infettiva ta' ċerti reġjuni amministrattivi fil-Ġermanja ⁽⁵⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

- (6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/675/UE tat-12 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li l-Latvja hija Stat Membru uffiċjalment ħieles mit-tuberkulożi u rigward id-dikjarazzjoni li ċerti reġjuni amministrattivi fil-Portugall huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina ⁽⁶⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (7) Id-Direttiva 2009/158/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE ⁽⁷⁾ li hi inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim.
- (8) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni rigward l-annimali ħajjin għajr il-ħut u l-annimali tal-akwakultura. Il-leġislazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma tapplikax għall-Islanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttoria tal-Kapitolu I tal-Anness I ta' mal-Ftehim. Għalhekk, din id-Deċiżjoni m'għandiex tapplika għall-Islanda.
- (9) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni li tolqot kwistjonijiet veterinarji. Il-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-Adattamenti Settorjali għall-Anness I ta' mal-Ftehim. Din id-Deċiżjoni għalhekk m'għandiex tapplika għal-Liechtenstein,

⁽¹⁾ ĠU L 207, 2.8.2012, p. 2.⁽²⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.⁽³⁾ ĠU L 90, 6.4.2011, p. 27.⁽⁴⁾ ĠU L 122, 11.5.2011, p. 100.⁽⁵⁾ ĠU L 268, 13.10.2011, p. 17.⁽⁶⁾ ĠU L 268, 13.10.2011, p. 19.⁽⁷⁾ ĠU L 303, 31.10.1990, p. 6.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 4.1 u l-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) tal-Parti 8.1 għandha titħassar.

2. Li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 4.1:

“4a. **32009 L 0158:** Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KEE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' tjur u bajd għat-tfaqqis (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74), kif emendata bi:

— **32011 D 0214:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/214/UE tal-1 ta' April 2011 (ĠU L 90, 6.4.2011, p. 27).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Islanda.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 13, il-kelma 'in-Norveġja' għandha tiżdied wara l-kelma 'il-Finlandja';

(b) Fl-Anness IV, il-kelma 'in-Norveġja' għandha tiddaħħal wara l-kelma 'il-Finlandja' fin-nota 3 tal-Mudell 1, fin-noti 4 u 6 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 2, fin-noti 1 u 4 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 3, fin-nota 3 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 4, fin-noti 3 u 5 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 5, u fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 6.”

3. Dan li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 14 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE) fil-Parti 4.2:

— **32011 D 0277:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/277/UE tal-10 ta' Mejju 2011 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 100).”

4. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjudi fil-punt 70 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE) fil-Parti 4.2:

— **32011 D 0277:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/277/UE tal-10 ta' Mejju 2011 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 100).’

— **32011 D 0675:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/675/UE tat-12 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 268, 13.10.2011, p. 19).”

5. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 80 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE) fil-Parti 4.2:

— **32011 D 0674:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/674/UE tat-12 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 268, 13.10.2011, p. 17).”

6. Li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 8.1:

“3a. **32009 L 0158:** Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KEE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' tjur u bajd għat-tfaqqis (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74) kif emendata minn:

— **32011 D 0214:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/214/UE tal-1 ta' April 2011 (ĠU L 90, 6.4.2011, p. 27).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Islanda.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 13, il-kelma 'in-Norveġja' għandha tiżdied wara l-kelma 'il-Finlandja';

(b) Fl-Anness IV, il-kelma 'in-Norveġja' għandha tiddaħħal wara l-kelma 'il-Finlandja' fin-nota 3 tal-Mudell 1, fin-noti 4 u 6 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 2, fin-noti 1 u 4 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 3, fin-nota 3 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 4, fin-noti 3 u 5 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 5, u fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna tal-Mudell 6.”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/158/KE, tad-Deċiżjonijiet 2011/214/UE, u tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2011/277/UE, 2011/674/UE u 2011/675/UE fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.